# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 287/2014

## tat-12 ta' Diċembru 2014

## li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE [2015/2154]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 598/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri fir-rigward tal-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju f'ajruporti tal-Unjoni fi ħdan Approċċ Bilanċjat u li jħassar id-Direttiva 2002/30/KE ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 598/2014 iħassar, b'effett mit-13 ta' Ġunju 2016, id-Direttiva 2002/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE u li għalhekk, bħala konsegwenza, għandha titħassar skont il-Ftehim ŻEE b'effett mit-13 ta' Ġunju 2016.

(3) Għalhekk, l-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

It-test tal-punt 66f (id-Direttiva 2002/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE jiġi ssostitwit, b'effett mit-13 ta' Ġunju 2016, bis-segwenti:

"**32014 R 0598**: Ir-Regolament (UE) Nru 598/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri fir-rigward tal-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju f'ajruporti tal-Unjoni fi ħdan Approċċ Bilanċjat u li jħassar id-Direttiva 2002/30/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 65)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 598/2014 bil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-13 ta' Diċembru 2014, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni Nru 135/2014 tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tas-27 ta' Ġunju 2014 ([3]), skont liema data tkun l-aktar reċenti.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima dwar iż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 12 ta' Diċembru 2014.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Kurt JÄGER

([1]) ĠU L 173, 12.6.2014, p. 65.
([2]) ĠU L 85, 28.3.2002, p. 40.
(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.
([3]) ĠU L 342, 27.11.2014, p. 42.